MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 94/2012

**Maria Assunta Camilleri [ID 575455M]**

**vs**

**Timothy Tonwuru [ID 26004A] u**
**Marisa Tonwuru [ID 434368M]**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

Illi bis-sahha ta' skrittura privata datata 19 ta' Mejju, 2005 l-attrici rikorrenti kkoncediet lill-intimati b'titolu ta' lokazzjoni l-fond konsistenti f'hanut illum imsemmi 'Path Finder Confectionery' gia 'Camilleri' fi Triq il-Mosta San Pawl il-Bahar;

Illi l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' Euro 6,314 rappresentanti erba [4] xhur kera u cioe kera

ghax-xhur ta' Lulju, Awissu, Settembru u Ottubru tas-sena 2012;

Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu dawn l-arretrati huma xorta wahda baqghu inadempjenti;

Illi ai termini tal-kundizzjoni numru 4 tal-imsemmi ftehim, il-kirja tal-intimati ghandha tigi meqjusa bhala tterminata jekk huma jkunu moruzi fil-hlas ta' zewg skadenzi;

Illi fil-fehma tal-esponenti l-intimati m'ghandhom l-ebda difiza x'jaghtu kontra t-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk dan l-Onorabbli Bord ghandu jitqa t-talbiet tar-rikorrenti minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m'ghandux dan l-Onorabbli Bord in vista tal-premess jkun dispensat is-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 16A et seq tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u jikkundanna lill-intimati:-

i. Jigi dikjarat li l-intimati huma moruzi fil-hlas ta' kera ghax-xhur ta' Lulju, Awissu, Settembru u Ottubru tas-sena 2012 u li konsegwentement ai termini tal-iskrittura tal-koncessjoni lokatizja datata 19 ta' Mejju, 2005 il-kirja giet terminata;

ii. Fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi stabbilit minn dan il-Bord jizgombra lill-intimati mill-hanut 'PathFinder Confectionery' f'Mosta Road, San Pawl il-Bahar;

iii. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' Euro 6,314 rapprezentanti arretrati ta' kera kif hawn fuq spjegat ghax-xhur ta' Lulju, Awissu, Settembru u Ottubru 2012.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali li giet mibghuta lill-intimati, bl-imghax mill-prezentata ta' dan ir-rikors sal-hlas effettiv u b'hekk l-intimati ngunti ghas-subizzjoni.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi r-rikorrenti qieghda taghmel it-talba ghar-ripreza tal-fond kummercjali mikri lill-intimati wara li l-istess intimati naqsu ripetutament minn wahda mill-aktar obligazzjonijiet kardinali f'relazzjoni lokatizja jigifieri dik tal-hlas tal-kera ghall-uzu tal-fond mikri;

Jemergi mill-atti u mill-provi illi r-rikorrenti kriet il-hanut in mertu lill-initmati bir-rata ta' hmistax-il lira Maltin kuljum llum ekwivalenti ghall €34.94 kuljum b'wahda bil-kondizzjoni fost ohrajn illi f'kaz illi l-intimati jonqsu milli jhallsu kera ta' xaharejn fi zmien hmistax minn talba ghalhekk l-kuntratt ikun terminat *ipso jure*. Issa mix-xhieda tar-rikorrenti jirrizulta illi l-intimati ilhom moruzi fil-hlas tal-kera u l-intimati dejjem kellha diffikulta' tigbor il-kera min ghandhom u ghalhekk interpellathom sew verbalment kif ukoll bil-miktub sabiex ihallsu l-kera dovuta izda minghajr success. L-intimat deheru inizjalment f'dawn il-proceduri assistiti minn avukat izda qatt ma rregistraw objezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti u qatt ma xehedu. Ghalhekk il-Bord mhux f'qaghda jezamina jekk kienx hemm xi raguni valida ghall-akkamopata morozita li tista' tiggustifika lill-intimati u b'hekk ikun evitat l-estremi tal-izgombru. Di piu' jemergi ukoll illi l-intimati ghandhom somom kbar xi jhallsu kwantu ghall-konsum ta' dawl u ilma tant illi dan is-servizz kien maqtugh mill-fornituri taghhom u l-hanut jinsab maghluq – hwejjeg dawn li juru abbandun tal-kera u li jaghtu ragun lir-rikkorrenti fit-talbiet taghha;

Ghal dawn il-mottivi, l-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u ghall fini ta' zgumbrament qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------